MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## DOREEN CLARKE

Seduta tad-9 ta' April, 2014

Numru. 181/2010

**Il-Pulizija**

**(Spettur Jesmond Micallef)**

**vs**

**Pierre Balzan**

**Joseph maghruf bhala Beppe Hili**

**Kumpilazzjoni Nru: 181/2010**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmija:

**Pierre Balzan** ta' 40 sena, iben Joseph u Angela nee' Bezzina, imwieled Attard, nhar id-29 ta' Gunju, 1968 u li joqghod fil-fond numru 32, Carlton Heights, Flat 9, Triq Ferdinand Von Hompech, Naxxar u detentur tal-karta ta' l-identita' Maltija numru 268668(M); u

**Joseph, maghruf bhala Beppe, Hili** ta' 54 sena, iben Joseph u Rose nee' Bajada, imwieled Sliema nhar l-14 ta' April, 1955 u li joqghod fil-fond numru 4, Triq il-Gnien, Gharghur, u detentur tal-karta ta' l-identita' numru 292355(M).

1. Akkuzati talli fid-29 ta' Mejju, 2006, ghal habta tat-3:15p.m f'Manoel Island, Gzira fil-kapacita taghhom ta' diretturi tal-kumpanija Harbour Management Limited, b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni,jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew fil-professjoni taghhom jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti wegga' gravi Emanuel Vella u dan termini ai termini tal-artikoli 225 u 226 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Akkuzat wkoll talli fl-istess zminijiet, lok, u cirkostanzi naqsu mill jharsu is-sahha u sigurta ta' l-impjegati, kif ukoll tal-persuni kollha li jistghu jigu affetwati bix-xoghol, li jkun qed isir u dan billi naqsu milli jiehdu l-passi necessarji kollha sabiex jigi evitat dannu fiziku, korriment jew mewt fuq il-post tax-xoghol u dan ai termini ta' l-artikoli 6(1)(2) ta' l-att 27/2000 Kapitolu 424 tal-Ligijiet ta' Malta.

3. Akkuzati wkoll talli fl-istess zminijiet, lok u cirkostanzi, bhala persuni li jhaddmu u ta' kull persuna li tahdem ghal rasha, naqsu li jaghmlu jew li jizguraw li ssir, evalwazzjoni xierqa, sufficjenti u sistematika tal-perikli ghas-sigurta' kollha li jistghu jkunu prezenti fuq il-post tax-xoghol u r-riskji li jirrizultaw li jikkoncernaw l-aspetti kollha tal-attivita tax-xoghol. Dawn l-evalwazzjonijiet ghandhom jikkunsidraw ir-riskji ghas-sahha u s-sigurta' tal-haddiema u tal-persuni li jahdmu ghal rashom li ghalihom ikunu esposti waqt ix-xoghol, inkluz dawk li jzuru l-post tax-xoghol, liema riskji jirrizultaw mix-xoghol imwettaq, jew in konnessjoni mieghu, jew

mit-tmexxija tal-impriza u dan ai termini ta’ l-artikolu 10(1) ta’ l-Avviz Legali 36/03.

4. U aktar talli fl-istess zminijiet, lok u cirkostanzi bhala persuni li thaddmu hames haddiema jew aktar, naqsu milli jzommu fil-pussess taghhom kopja bil-miktub jew li jista jinkiseb b’mod elettroniku dawn l-evalwazzjonijiet u li jizguraw li jkunu aggornati regolarment u dan ai termini ta’ l-artikolu 10(2) ta’ l-Avviz Legali 36/03.

Rat l-artikoli 225 u 226 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-artikoli 6(1)(2) tal-Kapitolu 424 tal-Ligijiet ta’ Malta u r-regolamenti 10(1)(2) ta’ l-Avviz Leglai 36 tas-sena 2003.

Rat il-kunsens ta’l-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputati ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Semghet il-provi u t-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi l-fatti ta’ dan il-kaz jirrizultaw u fil-verita ftit li xejn hemm kontestazzjoni dwarhom.

Illi l-imputati huma diretturi tas-socjeta Harbour Management Limited li tiggestixxi l-*yard* f’ Manoel Island. F’Mejju tas-sena 2006 din is-socjeta giet inkarigata minn certu William Richard Morgan biex ivaraw il-yacht tieghu (jisimha Lana Turner) li kienet ghamlet xi zmien fuq l-art ghall-manutensjoni.

Nhar id-29 ta' Mejju 2006 kien hemm hames dghajjes biex jigu varati. Dawn id-dghajjes itghabbew mill-yard tal-marina fuq karru (trailer) mistrieha fuq cineg; il-karru ngibed biz-ziemel (mechanical horse) ghal fuq il-moll biex hemm jitnizzlu fil-bahar. Id-dghajjes kienu qed jingarru fuq trailer ta' Swaey Bros li pero kien qed jingibed b'ziemel (mechanical horse) "tal-Ballut" [1]. Involuti f'din l-operazzjoni kien hemm Emanuel Vella (il-parte leza) li dak iz-zmien kien impjegat bhala berthing assistant mas-socjeta Harbour Management Limited, certu Pawlu Formosa li kien qed jopera l-crane, u certu Brian Agius li kien qed isuq it-trailer; Vassallo u Agius kienu impjegati ma' Swaey Bros.

Illi jirrizulta li l-ahhar yacht li kellha titnizzel il-bahar dak in-nhar, Lana Turner, tghabbiet fuq it-trialer u ttiehdet fuq il-moll. Hemm it-trailer u l-crane gew pozizjonati hdejn xulxin b'mod li permezz tal-crane il-yacht tintrefa' minn fuq it-trailer u titnizzel il-bahar.

Illi meta t-trailer u l-crane kienu hekk pozizjonati Emanuel Vella, permezz ta' sellum, tela' fuq il-yacht biex iqabbad ic-cineg mal-gancijiet ta' l-ispreader. Peress li l-ispreader huwa aktar wiesa' mill-yacht, Vella kellu jixxabbat 'l barra biex ikun jista' jqabbad ic-cineg mal-gancijiet. Vella qabbad l-ewwel cinga u proceda biex jipprova jqabbad it-tieni wahda. Biex ghamel hekk strah mal-guard rail tal-yacht, liema guard rail huwa maghmul minn wire-rope ta' l-istainless steel. Gara pero li dan il-wire rope inqala mill-istay lock u Emanuel Vella waqa' ghal isfel. Mat-tisbieta garrab diversi griehi u ntilef minn sensieh; issejhet ambulanza u ittiehed l-isptar fejn ghamel jumejn fit-taqsima tal-kura intensiva.

Ikkunisdrat

[1] Pawlu Formosa fid-depozizzjoni tieghu spjega li l-mechanical horse taghhom kien bil-hsara ghalhekk uzaw wiehed "tal-Ballut".

Illi l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputati huma erbgha. Permezz ta'l-ewwel imputazzjoni qed jigu addebietati bir-reat kontemplat f'l-artikoli 225 u 226 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, cioe offiza gravi involontarja ghad-dannu ta' Emanuel Vella; permezz tat-tlett imputazzjonijiet l-ohra qed jigu addebietati b'reati kontemplati fil-Kapitolu 424 u l-Avviz Legali 36 tas-sena 2003, reati relatati ma' sahha u sigurta fuq il-post tax-xoghol.

Illi l-imputati qed jigu akkuzati fil-kwalita ta' diretturi tas-socjeta Harbour Management Limited.

Ikkunsidrat

Illi fil-kors tas-sottomissjonijet ghan-nom taghhom, l-imputati qed jghidu li ma ngibitx prova valida fil-Ligi li fid-data ta' l-incident huma kienu diretturi tas-socjeta Harbour Management Limited u ghalhekk ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju. Din l-eccezzjoni qed tigi bazata fuq l-allegazzjoni li l-Memorandum and Articles of Association prezentat ma jurix il-pozizzjoni kif kienet fid-29 ta' Mejju 2006.

Illi bhala provi dwar minn kienu d-diretturi tas-socjeta Harbour Mangament Limited il-prosekuzzjoni ressqet lil Andrew Schembri in rapprezentenza ta' l-MFSA u gie prezentat il-Memorandum and Articles of Association ta' din is-socjeta.

Illi l-Qorti hija tal-fejma li ghandha tirriproduci testwalment dak li qal l-imsemmi xhud[2]:

[2] Ref depozizzjoni a fol 65 tal-process.

*Pros:* *Sewwa issa l-MFSA giet mitluba biex taghmel ricerka dwar kumpanija partikolari f'data partikolari*

*Qorti:* *Ghidilna daqsxejn il-kumpanija*

*Xhud:* *Harbour Management Limited sad-data 29 ta' Mejju 2006*

*Pros:Sewwa*

*Qorti:* *U x'informazzjoni ntlabt relattiva ghal dak il-perjodu?*

*Xhud:* *Propjament ma kelliex ezatt informazzjoni, l-isem tal-kumpanija u d-data kelli*

*Qorti:* *U inti x'informazzjoni gibt?*

*Xhud:* *Gibt l-ahhar return li giet filed u l-ahhar Memorandum*

*Pros:* *Minn dak il-Memorandum and Articles jirrizulta minn huma d-diretturi f'dik id-data?*

*Xhud:* *Ija mela*

Illi l-imsemmi Memorandum and Articles of Association gie esebiet in atti mill-imsemmi xhud bhala Dok AS1[3]. Id-dokument esebiet inhareg mill-MFSA f'l-10 ta' Mejju 2010 (ftit granet qabel ma ta d-depozizzjoni tieghu) u, skond ma qal ix-xhud Andrew Schembri, jinkorpora l-ahhar return u l-ahhar Memorandum li kienu gew filed qabel l-10 ta' Mejju 2010.

Illi ezami ta' dan id-dokument juri li f'l-1 ta' Novembru 2005 is-socjeta Harbour Management Limited prezentat resolution, datata 26 ta' Settembru 2005, lill-MFSA. Permezz ta'din ir-resolution l-MFSA giet avvzata li s-socjeta Harbour Management Limited kienet addotat Memorandum and Articles of Association godda (li gew annessi mar-resolution) u giet infurmata ukoll li minn dak in-nhar d-diretturi ta' dik is-socjeta kienu Pierre Balzan u Joseph sive Beppe Hili (cioe l-

[3] Esebiet a fol 67 tal-process

imputati). L-ahhar annual return mibghuta mis-socjeta Harbour Management Limited kienet tas-sena ta’ wara, return datata 19 ta’ Frar 2006, liema return tikkonferma li d-diretturi kienu l-imputati.

Illi skond dak li xehed Andrew Schembnri dawn kienu l-ahhar zewg dokumenti mibghuta lill-MFSA mis-socjeta Harbour Management Limited sa’l-10 ta’ Mejju 2010.

Illi ma jidhirx li d-difiza qed tikkontesta l-awtenticita, il-korrettezza jew il-kompletezza tad-dokument esebiet. Tenut kont ta’ dan u tenut kont tal-fatt li d-dokument esebiet huwa wiehed ufficjali u konfermat b’gurament il-Qorti necessarjament ghandha tisrih fuqu bhala dokument awtentiku, korrett u komplet. Konsegwentement fil-fehma tal-Qorti mill-provi prodotti (id-dokument AS1 u d-depozizzjoni ta’ Andrew Schembri) jirrizulta ‘l hemm minn kull dubbju ragonevoli li l-imputati kienu diretturi tas-socjeta Harbour Managment Limited fid-29 ta’ Mejju 2006 u ghandhom jirrispondu ghall-imputazzjonijiet odjerni.

Ikkunisdrat

Illi permezz ta’l-ewwel imputazzjoni l-imputati qed jigu adebietati bir-reat kontemplat f’l-artikolu 225 u 226 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, cioe offiza gravi involontarja a dannu ta’ Emanuel Vella.

Illi kif intqal aktar ‘l fuq fir-riassunti tal-fatti, f’l-incident li sehh nhar id-29 ta’ Mejju 2006 Emanuel Vella waqa minn fuq il-yacht waqt li kien qed jipprova jqabbad ic-cineg mal-gancijiet ta’l-ispreader. Mal-waqa’ huwa soffra diversi griehi.

Illi skond id-difiza il-griehi sofferti huma 'l hekk imsejha "gravi" u cioe dawk li jaqghu taht definizzjoni ta'l-artikolu 216 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Konsegwentment, tkompli targumenta d-difiza, id-dispozizzjoni applikabbli hija l-paragrafu "b" tas-subartikolu "1" tal-Kapitolu 226 ai termini ta' liema l-piena hija dik ta' massimu ta' sitt xhur prigunerija u/jew multa ta' mhux iżjed minn elfejn u tliet mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) li jfisser li l-azzjoni fil-konfront ta' l-imputati fir-rigward ta' din l-ewwel imputazzjoni hija preskrivibbli bid-dekors ta' sentejn u dan ai termini ta' l-artikolu 688(e) tal-Kapitolu 9. L-imputati fil-fatt waqt is-sottomissjonijet taghhom ecceppew il-preskrizzjoni fir-rigward ta' din l-ewwel imputazzjoni.

Illi provi dwar x'griehi soffra Emanuel Vella jirrizultaw minn dak li jghid l-istess Vella, mid-depozizzjoni ta' Dr Michael Spiteri u d-dokument minnu esebieti u mir-rapport ta' Dr Mario Scerri, nominat bhala espert f'l-inkjesta mizmuma dwar dan l-incident.

Illi kull ma jghid Emanuel Vella dwar il-qaghda tieghu wara l-waqa' hu li dam l-isptar erba' jew hamest ijiem u li kellu bzonn xi ftit fizjoterapija.

Illi Dr Michael Spiteri jghid li huwa kien ezamina lil Vella meta dan idahhal fit-taqsima ta' l-emergenza immedjatament wara l-incident. Dr Spiteri jispjega li Vella ttiehed l-emergenza peress li t-team li mar jaghti l-ewwel assistenza fuq il-post sabu lil Vella fi stat konfuz. Fit-taqsima ta' l-emergenza Vella inghata l-loppju, saret CT scan ta' rasu li ma wera' xejn negattiv, ma kienx hemm evidenza ta' ksur, pero deher li kien hemm xi ammont zghir ta' demm madwar il-pulmun fuq in-naha tal-lemin, ghalhekk Vella iddahhal fit-taqsima tal-kura intensiva. Mistoqsi mill-ufficjal prosekutur kif kienu gew kklassifikati l-griehi, Dr Spiteri qal li kienu gravi u dak il-hin kien qed jitqies li Vella kien qieghed fil-perikolu tal-mewt[4].

[4] Ref depozizzjoni a fol 205 tal-process.

Illi mir-rapport ta' Dr Mario Scerri jirrizulta li meta Vella iddahhal l-isptar il-kundizzjoni tieghu kienet hazina, kien konfuz u ittiehidlu CT scan; kellu diversi lacerazzjonijiet fuq wiccu u xi abrazzjonijiet f'partijiet ohra ta' gismu. Minn ezamijiet li saru rrizulta li ma kienx hemm lezjonijiet fuq is-CT scan, il-midline structures ma kienux displaced, ma kienx hemm lezjonijiet fil-milsa, fil-kliewi u lanqas fil-fwied, ma kienx hemm evidenza ta' pneumothorax, pero kien hemm evidenza ta' emoragiji zghar fil-pulmun tal-lemin u tax-xellug.

Illi l-principji li jirregolaw il-klasifikazzjoni legali ta' griehi ai fini ta' proceduri kriminali huma ben stabbiliti f'l-ordinament guridiku taghna. Fil-gurisprudenza huwa pacifiku li

> *Il-kwistjoni ta' jekk offiza hiex wahda hafifa u ta' importanza zghira, hafifa, gravi jew gravissima hi wahda ta' fatt u ghalhekk rimessa ghall-gudikant tal-fatt (fil-kaz ta' guri, ghalhekk, rimessa f'idejn il-gurati; fil-kaz odjern rimessa f'idejn il-gudikant ta' l-ewwel grad…). Ma hix, ghalhekk, kwistjoni, li tiddependi neccessarjament jew esklussivament fuq "opinjoni medika". It-tabib jew tobba jispjegaw x'irriskontraw bhala fatt; u, jekk il-qorti tippermettilhom, jistghu joffru l-opinjoni taghhom dwar, fost affarijiet ohra, kif setghet giet ikkagunata dik l-offiza, jew ma' xhiex huma kompatibbli s-sintomi li jkunu gew klinikament riskontrati. Ikun jispetta mbaghad ghall-gudikant tal-fatt li, fid-dawl mhux biss ta' dak li jkun xehed it-tabib izda fid-dawl tal-provi kollha, jiddetermina n-natura ta' l-offiza.*[5]

Illi huwa pacifiku ukoll li biex offiza tigi klassifikata bhal gravissima ma jridx jigi pruvat biss li l-hsara kagunata tista' ggib perikolu ta' debulizzi fis-sahha jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-gisem permanenti, imma jrid jigi pruvat li huwa probabbli li dik il-debulizzi tkun permanenti[6].

[5] Ref Il-Pulizija vs Joseph Azzopardi Appell Kriminali 30.07.2004.
[6] Ref Il-Pulizija vs Joseph Zahra Appell Kriminali deciz 10.05.2003.

Illi, tenut kont ta’dan l-insenjament, hija din il-Qorti li ghandha tiddetermina, fid-dawl ta’ dak li jirrizulta mill-provi fuq imsemmija, in-natura tal-griehi sofferti minn Emanuel Vella.

Illi f’dan l-istadju l-Qorti hija tal-fehma li ghandha tirriproduci testwalment id-dispozizzjonijiet relevanti tal-Ligi, u cioe l-artikoli 216 u 218 tal-Kapitolu 9.

Illi ai termini ta’ l-artikolu 216(1) offiza hija gravi

*(a) jekk tista’ ġġib periklu -*

*(i) tal-ħajja; jew*

*(ii) ta’ debbulizza permanenti fis-saħħa jew fil-funzjoni ta’ xi parti tal-ġisem; jew*

*(iii) ta’ difett permanenti f’parti tal-għamla tal-ġisem; inkella*

*(iv) ta’ marda permanenti tal-moħħ;*

*(b) jekk iġġib mankament jew sfreġju fil-wiċċ, fil-għonq jew f’waħda mill-idejn tal-offiż;*

*(ċ) jekk tkun magħmula b’ferita li tidħol f’waħda mill-kavitajiet tal-ġisem, mingħajr ma ġġib l-ebda waħda mill-konsegwenzi msemmijin fl-artikolu 218;*

*(d) jekk iġġib marda tal-moħħ jew tal-ġisem li ddum għal tletin ġurnata jew iżjed, inkella, għal daqshekk żmien, iżżomm lill-offiż milli jmur għax-xogħol tiegħu;*

*(e) jekk, meta ssir fuq mara tqila, iġġiegħelha teħles qabel iż-żmien.*

Illi s-subartrikolu 2 ta’ dan l-artikolu 216 mbaghad jipprovdi hekk

> *Jekk il-persuna offiża tfieq mingħajr ma kienet qatt matul il-marda, f’periklu attwali tal-ħajja jew tal-konsegwenzi msemmijin fis-subartikolu (1)(a), jitqies li l-offiża setgħat iġġib dak il-periklu fil-każ biss illi dan il-periklu kien probabbli minħabba n-natura jew il-konsegwenzi naturali tal-offiża.*

Illi ai termini ta’ l-artikolu 218(1) mbaghad offiza hija gravvissima

> *(a) jekk tikkaġuna debbulizza permanenti fis-saħħa jew fil-funzjoni ta’ xi parti tal-ġisem, jew iġġib difett permanenti f’parti tal-għamla tal-ġisem, jew, marda permanenti tal-moħħ;*
>
> *(b) jekk iġġib sfreġju gravi u permanenti fil-wiċċ, fil-għonq jew f’waħda mill-idejn tal-offiż;*
>
> *(ċ) jekk, meta ssir fuq mara tqila, iġġibilha l-abort.*

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li minhabba ammont zghir ta’ demm li kien hemm madwar il-pulmun Vella kien qed jitqies li kien fil-perikolu tal-mewt. Pero l-perikolu tal-mewt fih innifsu ma’ jirrendiex l-offiza bhal wahda gravissima (ai fini tal-klassifikazzjoni legali), sa kemm flimkien ma’ dak il-perikolu ma jkunx hemm ukoll debulizza jew difett permanenti. Mill-istess provi fil-fatt ma jirrizultax li Emanuel Vella soffra xi debbulizza, fis-sahha jew fil-funzjoni ta’ xi parti ta’ gismu jew li soffra xi difett f’parti ta’ l-ghamla tal-gisem jew marda tal-mohh. F’dawn ic-cirkostanzi l-griehi li soffra zgur ma jistghux jitqiesu ta’ natura gravissima ai termini tal-paragrafu “a” ta’l-artikolu 218(1) hawn fuq kwotat.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta ampjament li Vella soffra lacerazzjonijiet f'wiccu; jirrizulta ukoll lill dawn il-lacerazzjonijiet ikkawzaw sfregju f'wicc Vella.

Illi pero biex sfregju jigi klassifikat taht il-paragrafu "b" ta'l-imsemmi artikolu 218(1) irid ikun gravi **u** permanenti. Il-Qorti ta' l-Appell Kriminali tghallem hekk dwar l-isfregju imsemmi f'l-artikolu 218 kif komparat ma' dak imsemmi f'l-artikolu 216 tal-Kapitolu 9:

> *B'mankament fil-wiċċ il-ligi qed tirreferi għal kull deterjorament tal-aspett tal-wiċċ li, anke mingħajr ma jnissel ribrezz jew ripunjanza, jipproduċi sfigurament "cioe' peggioramento d'aspetto notevole o complessivo o per l'entita' della alteranzione stessa, o per l'espressione d'assieme del volto". Sfreġju, mill-banda l-ohra u a differenza ta' mankament, hija kull ħsara li tista' ssir fil-regolarita' tal-wiċċ, fl-armonija tal-lineamenti tal-wiċċ, u anke f'dik li hija s-sbuħija tal-wiċċ. Skont ġurisprudenza ormai pacifika, din il-ħsara li tammonta għal sfreġju trid tkun viżibbli minn distanza li hi dik li soltu jkun hemm bejn in-nies meta jitkellmu ma' xulxin*[7].

Illi aktar minn hekk l-istess Qorti qalet li:

> *Skont l-artikolu 216(1)(b) tal-Kap 9, l-offiża fuq il-persuna hija gravi jekk, fost ċirkostanzi oħra, iġġib sfreġju fil-wiċċ. Il-Liġi ma tirrikjedix li dan l-isfreġju jipperdura għal xi żmien partikolari; sfreġju fil-wiċċ (jew fl-għonq jew f'waħda mill-idejn) anke ta' ftit ġranet jibqa' sfreġju għall-finijiet tal-imsemmija dispożizzjoni. Il-permanenza tali sfreġju hi relevanti biss meta, abbinata mal-*

[7] Ref Il-Pulizija vs Paul Spagnol deciz fit-12 ta' Settembru 1996.

> *gravita', tagħti lok għal hekk imsejħa offiża gravivissima' skont l-artikolu 218(1)(b) tal-Kap 9[8].*

Illi l-Qorti rat ritratt tal-lacerazzjonijiet mehud ftit sieghat wara li sehh l-incident minn Dr Mario Scerri u kellha ukoll l-opportunita li tikkonstata hi personalment l-effetti ta' dawn il-lacerazzjonijiet meta Vella ta d-depozizzjoni tieghu. Il-marka tal-lacerazzjoni tidher f'wicc Vella u ghalhekk jirrizulta li hemm sfregju permanenti. Pero ma jistax jinghad li dan l-isfregju huwa gravi ghaliex is-sinjal li hemm fuq wicc Vella zgur li ma jistax jigi definit bhala wiehed li jista jnissel ribrezz jew ripunjanza. Konsegwentment l-offiza sofferta minn Vella lanqas ma tista' tigi klassifikata bhala wahda gravissima skond is-subartikolu "b" tal-artikolu 218(1).

Illi ghal ragunijiet ovvji lanqas m'hu applikabbli ghall-kaz in ezami dak predispost fil-paragrafu "c" ta'l-artikolu 218(1).

Illi ghal dawn il-motivi u tenut kont li ghal xi zmien Vella gie meqjus li qieghed fil-perikolu tal-mewt u li l-griehi li kellu (partikolarment id-demm mal-pulmun) setghu (ghalkemm ma gabux) igibu xi debulizzi jew difett, u tenut kont li l-lacerazzjonijiet li soffra ikkawzawlu sfregju f'wiccu, il-Qorti hija tal-fehma li l-offizi sofferti minn Emanuel Vella jaqaw taht definizzjoni ta'l-artikolu 216(1)(a)(i)(ii)(b) tal-Kapitolu 9 b'mod li r-reat li jistghu jigu addebietat lill-imputati huwa dak predispost f'l-artikolu 226(1)(b). M'ghandu jkun hemm l-ebda dubbju li l-azzjoni dwar reat taht din id-dispozizzjoni tal-Ligi hija preskrivibbli bid-dekors ta' sentejn.

Illi l-incident sehh fid-29 ta' Mejju 2006, ic-citazzjoni giet prezentata fis-26 ta' Frar 2010 u l-ewwel smiegh kien f'l-14 ta' Mejju 2010. Ghalkemm ma jirrizultax bi precizzjoni meta gew notifikati l-imputati bic-citazzjoni ghaliex ir-riferta relattiva mhiex esebieta in atti, zgur li gew noifikati f'xi data bejn s-26 ta' Frar

---

[8] Ref Il-Pulizija vs Fortunato Sultana deciz fit-05.02.1998.

2010 u l-14 ta’ Mejju 2010 u cioe ferm wara d-dekors ta’ sentejn mid-data ta’ l-incident.

Illi ghalhekk l-ewwel imputazzjoni hija preskritta.

Ikkunsidrat

Illi kif diga ntqal permezz tat-tieni t-tielet u r-raba imputazzjoni l-imputati qed jigu addebietati b’reati kontemplati fil-Kapitolu 424 u l-Avviz Legali 36 tas-sena 2003 u relatati ma’ sahha u sigurta fuq il-post tax-xoghol.

Illi mill-imputazzjonijiet issa in ezami, it-tielet u r-raba huma bazati fuq dak predispost fis-subartikoli 1 u 2 tar-Regolament 10 ta’l-Avviz Legali 36 tas-sena 2003. Dawn jipprovdu hekk:

> *(1) Ghandu jkun id-dmir ta’ kull min ihaddem u ta’ kull persuna li tahdem ghal rasha li taghmel, jew li tizgura li ssir, evalwazzjoni xierqa, sufficjenti u sistematika tal-perikli ghas-sahha u s-sigurtà kollha li jistghu ikunu prezenti fuq il-post tax-xoghol u r-riskji li jirrizultaw li jikkoncernaw l-aspetti kollha ta’ l-attività tax-xoghol. Dawn l-evalwazzjonijiet ghandhom jikkunsidraw ir-riskji ghas-sahha u s-sigurtà tal-haddiema u ta’ persuni li jahdmu ghal rashom li ghalihom ikunu esposti waqt ix-xoghol, kif ukoll ir-riskji ghas-sahha u s-sigurtà ta’ persuni ohrajn, inkluzi dawk li jzuru l-post tax-xoghol, liema riskji jirrizultaw mix-xoghol imwettaq, jew in konnessjoni mieghu, jew mit-tmexxija ta’ l-impriza:*
>
> *Izda meta jsiru dawn l-evalwazzjonijiet, min ihaddem u persuna li tahdem ghal rasha ghandhom jikkunsidraw ukoll bidliet fl-*

*attivitajiet tax-xoghol imwettaq u fil-post tax-xoghol, u ghandhom jiehdu azzjoni xierqa.*

*(2) Fejn ikunu impjegati hames haddiema jew aktar, min ihaddem ghandu jzomm fil-pussess tieghu kopji bil-miktub jew li jistghu jinkisbu b'mod elettroniku ta' dawn l-evalwazzjonijiet, u ghandu jizgura li jkunu aggornati regolarment.*

Illi minn dawn id-dispozizzjonijiet huwa car li kull minn ihaddem ghandu l-obbligu li jaghmel risk assessment; meta dik il-persuna thaddem hames persuni jew aktar allura jrid ikollha kopja bil-miktub ta' dak ir-risk assessment li ghandu jigi aggornat regolarment.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li s-socjeta Harbour Management Limited ma kenitx ghamlet risk assessment sad-data ta'l-incident; kien biss meta, wara l-incident, giet interpellata[9] mill-Awtorita ghas-Sahha u s-Sigurta fuq il-Post tax-Xoghol (aktar 'l isfel imsejjha "OHSA") li ghamlet dan ir-risk assessment. Fil-fatt ir-risk assessment sar fit-13 ta' Gunju 2006[10].

Illi ghalhekk huwa car li t-tielet imputazzjoni tirrizulta sodisfacjentement pruvata.

Illi biex tissussisti ukoll ir-raba imputazzjoni trid issir l-prova li s-socjeta Harbour Management Limited kienet thaddem hames persuni jew aktar. Din il-prova ma saritx. Ma tressaq l-ebda xhud biex jghid kemm kellha impjegati s-socjeta Harbour Management Limited fid-29 ta' Mejju 2006. L-unika accenn li hemm ghal kemm timpjega nies din is-socjeta hija l-ittra mibghuta mill-OHSA li fiha hemm allegazzjoni li din is-socjeta kienet timpjega sitt persuni. Din pero mhiex

[9] Dan permezz ta' ittra datata l-1 ta' Gunju 2006 – kopja esebieta bhala Dok KG1a fol 63 tal-process.
[10] Dan ir-risk assessment huwa esebiet in atti bhala Dok RB1 a fol 118 tal-process.

prova sufficjenti u kif trid il-Ligi, u fin-nuqqas ta' l-ahjar prova dwar kemm kellha impjegati s-socjeta Harbour Management Limited l-imputati ma jistghux jinstabu hatja tar-raba imputazzjoni.

Ikkunisdrat

Illi peremzz tat-tieni imputazzjoni migjuba kontra taghhom l-imputati qed jigu addebietati bir-reat predispost f'l-artikolu 6(1)(2) tal-Kapitolu 424 tal-Ligijiet ta' Malta. Dan jipprovdi hekk:

> *(1) Min iħaddem għandu dejjem jiżgura is-saħħa u s-sigurtà tal-persuni kollha li jistgħu jiġu affettwati bix-xogħol li jkun qiegħed isir għal dik il-persuna li tħaddem ..................*
>
> *(2) Il-miżuri li għandhom jittieħdu minn min iħaddem biex jevita dannu fiżiku u psikoloġiku, korriment jew mewt, fuq il-postijiet tax-xogħol, għandhom jittieħdu fuq il-bażi ta' dawn il-prinċipji ġenerali ta' prevenzjoni li ġejjin, jiġifieri -*
>
> *(a) li jiġi evitat riskju;*
>
> *(b) l-identifikazzjoni ta' perikli assoċjati max-xogħol;*
>
> *(ċ) l-evalwazzjoni ta' dawk ir-riskji li ma jistgħux jiġu evitati;*
>
> *(d) il-kontroll mill-bidu ta' dawk ir-riskji li ma jistgħux jiġu evitati;*
>
> *(e) li jittieħdu l-miżuri neċessarji kollha biex jirriduċu r-riskju kemm ikun raġonevolment prattiku, inkluż li jitbiddel dak li huwa perikoluż b'dak li ma jkunx perikoluż jew li jkun anqas perikoluż;*
>
> *(f) billi tingħata prijorità lill-miżuri ta' protezzjoni kollettivi fuq miżuri ta' protezzjoni individwali;*

*(g) li jiġi adattat ix-xogħol għall-ħaddiem, partikolarment għal dak li għandu x'jaqsam mal-iddisinjar ta' postijiet tax-xogħol, l-għaħla ta' tagħmir tax-xogħol u l-għażla ta' metodi ta' produzzjoni u ta' xogħol, u partikolarment sabiex jiġi mnaqqas xogħol monotonu u xogħol li jkollu rata ta' xogħol stabbilita minn qabel, u biex jitnaqqas l-effett tagħhom fuq is-saħħa;*

*(ħ) billi wieħed jaddatta ruħu għall-progress tekniku f'l-interess tas-saħħa u tas-sigurtà fuq il-post tax-xogħol; u*

*(i) billi tiġi żviluppata policy ta' prevenzjoni globali u loġika li tkopri it-teknoloġija, l-organizzazzjoni ta' xogħol, il-kundizzjonijiet ta' xogħol, ir-relazzjonijiet soċjali u l-influwenza ta' fatturi li għandhom x'jaqsmu mal-ambjent tal-post tax-xogħol.*

Illi permezz ta' dawn id-dispozizzjonijiet l-obbligu impost fuq kull min ihaddem huwa li jizgura s-sahha u sigurta tal-persuni kollha li jistghu jigu affettwati bix-xoghol li jkun qed jitwettaq ghal dik il-persuna li thaddem; huwa jrid jizgura din is-sahha u sigurta billi jiehu diversi mizuri inkuz dawk li jevita riskji, li jidentifika l-perikoli assocjati max-xoghol, u jevalwa dawk ir-riskji.

Illi fil-kaz in ezami jirrizulta li s-socjeta Harbour Management Limited m'ghamlitx risk asessment u konsegwentement naqset ukoll milli taghmel dak impost fuqha anke permezz ta' dan l-artikolu 6 tal-Kapitolu 424.

Illi fil-fatt in-nuqqas ta' risk assessment da parti ta' min ihaddem jikkostitwixxi ksir ta' l-Avviz Legali 36 tas-sena 2003 u jikkostitwixxi ksur ukoll tad-dispozizzjoni tal-Ligi issa in ezami u cioe l-artikolu 6 tal-Kapitolu 424.

Illi dan il-principju huwa ben stabbilit fil-gurisprudenza taghna tant li l-Qorti ta' l-Appell Kriminali qalet diversi drabi li r-risk assessment huwa wiehed mill-mizuri li jridu jittiehdu minn kull employer biex jizgura li jinzammu l-livelli ta'

protezzjoni tas-sahha u sigurta' skond l-artikolu 6(1)(2)(a)(b)(c)(d)(e) tal-Kapitolu 424[11].

Illi tenut kont ta' dan huwa car li anke t-tieni imputazzjoni hija sodisfacjentement pruvata.

Ikkunsidrat

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-fedina penali ta'l-imputati li hija kwazi netta u hadet in konsiderazzjoni ukoll in-natura tar-reati li taghhom qed jinstabu hatja l-imputati. F'dan ir-rigward il-Qorti hija tal-fehma li ghandha tissottolinea l-importanza ta' l-osservanza tar-regoli dwar sahha u sigurta fuq il-post tax-xoghol u b'mod partikolari tar-risk assessment, li kif jindika l-isem huwa intiez biex jigu identifikati l-perikoli assocjati max-xoghol li jkun qed isir u jigu identifikati ukoll il-metodi ta' kif dawn il-perikoli jistghu jigu minimizzati. Ghandu jigi rilevat li hemm diversi proceduri fix-xoghol li jsir fil-yard imexxija minn Harbour Management Limited li (skond ir-risk assessment li eventwalment sar) jistghu iwasslu ghal "serious injuries and even death". Il-piena erogata ghalhekk ghandha tirrifletti l-gravita tar-reat pero f'l-ikkalibrar tal-piena l-Qorti qed tiehu in konsiderazzjoni ukoll il-fatt li l-imputati ottemperaw ruhhom mal-Ligi immedjatament wara li gew mitluba jaghmlu hekk mill-OHSA.

Ghal dawn il-motivi fil-waqt li tiddikjara l-ewwel imputazzjoni preskritta u fil-waqt li ma ssibx lill-imputati hatja tar-raba imputazzjoni u tilliberahom minnha, wara li rat l-artikoli l-artikoli 6(1)(2) tal-Kapitolu 424 tal-Ligijiet ta' Malta u r-regolament 10(1) ta' l-Avviz Legali 36 tas-sena 2003 ssib lill-imputati hatja tat-tieni u t-tielet imputazzjoni migjuba kontra taghhom u tikkundanna lil kull wiehed minnhom multa ta' elefejn u hames mitt Euro Euro (€2,500); in oltre u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed tordna lil

[11] Ref Il-Pulizija vs John Magro et, deciz 11.12.2008 u Il-Pulizija vs Susanna Zammit et deciz 13.07.2012.

kull wiehed mill-imputati biex ihallas lir-Registratur ta’ din il-Qorti is-somma ta’ mitejn u disgha Euro u erbgha u ghoxrin centezmu (€209.24) rapprezentanti l-ispejjez rinkorsi in konnessjoni mal-hatra ta’ esperti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------